**Index No: ____________**

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

-------------------------------------------------------------✂-------------------------------------------------------------

# Eżami li jikkwalifika għall-Post ta' Gwardja tas-Sigurtà Fis-Servizz Pubbliku ta' Malta

## KARTA MUDELL 2024

**Suġġett:** **IL-MALTI**

**Ħin:** **09:00 – 10:30 (Siegħa u nofs)**

**L-istruzzjonijiet ġenerali:**

**Din il-karta tal-eżami fiha ŻEWĠ taqsimiet; Taqsima A u Taqsima B. Il-kandidati jridu jwieġbu ż-ŻEWĠ taqsimiet u għandhom jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima. Il-marki għal kull mistoqsija jidhru bejn il-parentesi.**

**It-tweġibiet ta' kull taqsima għandhom jinkitbu fl-ispazju pprovdut fuq il-karta tal-eżami.**

**Taqsima A: Il-Fehim mill-Qari**
**Taħriġ 1: Il-Muntanja Everest** **(20 marka)**

Il-Muntanja Everest, l-ogħla muntanja fid-dinja b'għoli ta' 8,848.86 metru 'l fuq mil-livell tal-baħar, tinsab fil-katina tal-Ħimalajas fuq il-fruntiera bejn iċ-Ċina (Tibet) u n-Nepal. Magħrufa bħala *Chomolungma* fit-Tibet u *Sagarmatha* fin-Nepal, l-Everest hija destinazzjoni attraenti għal bosta nies minn madwar id-dinja li jittantaw xortihom biex jitilgħuha u jilħqu l-quċċata.

L-ewwel tlugħ magħruf sar mill-esploraturi Sir Edmund Hillary u Tenzing Norgay fid-29 ta' Mejju 1953. Minn dakinhar, eluf ta' alpinisti ppruvaw jilħqu l-quċċata, b'ħafna minnhom jirnexxilhom, għalkemm il-muntanja għadha waħda mill-isfidi l-aktar perikolużi u miżgħuda bi ġrajjiet ta' inċidenti fatali.

L-Everest mhux biss hija muntanja magħrufa għall-għoli tagħha imma wkoll għall-isforz fiżiku u mentali estrem li titlob mill-alpinisti. It-temperaturi baxxi, ir-riħ qawwi, u l-livell baxx ta' ossiġnu jagħmlu t-tlugħ tagħha diffiċli immens. L-alpinisti jeħtieġu ħin għall-*akkumulazzjoni* (waqfa fit-tul biex il-ġisem jidra l-ambjent aħrax tal-madwar) u hekk ikunu jistgħu jiffaċċjaw il-livelli baxxi ta' ossiġnu fl-għoli. Madankollu, ħafna nies għadhom sal-lum imbuttati lejn din l-isfida, minħabba l-attrazzjoni li din taf toffri fejn tidħol is-sbuħija tal-pajsaġġ tal-Ħimalajas u s-sens ta' kisba u suċċess personali.

Il-Muntanja Everest hija wkoll simbolu ta' kif l-ispirtu uman jista' jirbaħ ostakli enormi. Il-popolarità tagħha kompliet tikber maż-żmien, bil-bażijiet ta' tlugħ li qed iservu wkoll bħala attrazzjoni turistika għal dawk li jfittxu li jilħqu l-quċċata biex jitgħaxxqu bis-sbuħija naturali ta' din il-muntanja ikonika.

**Aħdem il-mistoqsijiet kollha.**

1. Fejn tinsab il-Muntanja Everest? **(2 marki)**

_______________________________________________

2. Min kienu l-ewwel nies li telgħu l-Muntanja Everest b'suċċess? Meta? **(3 marki)**

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Semmi **TLIET** sfidi li jiffaċċjaw l-alpinisti meta jitilgħu l-Everest. **(3 marki)**

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

4. X'għandhom bżonn jagħmlu l-alpinisti biex jidraw il-livelli baxxi ta' ossiġnu? **(2 marki)**

_______________________________________________

_______________________________________________

5. Agħti **ŻEWĠ** raġunijiet għaliex in-nies jitħajru jitilgħu l-Muntanja Everest. **(2 marki)**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

6. Agħti **ŻEWĠ** vantaġġi li tara fil-proposta li l-Muntanja Everest isservi ta' attrazzjoni turistika. **(4 marki)**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

7. Sib u ikteb frażi mill-ewwel paragrafu li tfisser *jippruvaw/ jieħdu ċans.* **(2 marki)**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

8. Agħti titlu ieħor lil din is-silta li jorbot mal-informazzjoni mogħtija. **(2 marki)**

______________________________________________________________________

**Taħriġ 2: Traġedja fuq il-Baħar** **(30 marka)**

F'għodwa friska ta' Ottubru, grupp ta' sajjieda ħarġu fuq il-baħar bid-dgħajsa antika tagħhom, *'Stilla tal-Oċean'*. Kienu sajjieda tal-esperjenza, u d-dgħajsa kienet ilha taqdihom għal bosta snin, għalkemm bdiet turi li għadda naqra żmien ġmielu minn fuqha. Il-maltemp kien imsemmi, imma dik il-għodwa. il-baħar kien kalm u l-ġurnata kienet tidher sabiħa għas-sajd.

F'nofs il-jum, waqt li s-sajjieda kienu qed jiġbdu x-xbieki tagħhom mimlija ħut, il-kesħa bdiet tinħass u r-riħ beda jitqawwa fuq il-baħar, sinjali li riesqa maltempata kbira. Id-dgħajsa bdiet tiġi affettwata mir-riħ, u l-mewġ beda aktar ma jgħaddi l-ħin, jitqawwa u jogħla. Il-Kaptan Mario qal lill-ekwipaġġ biex jirritornaw lejn l-art, imma kien tard wisq. Ir-ragħad u s-sajjetti ħabtu b'qilla fuq il-baħar, u l-mewġ għoli beda jitfa' d-dgħajsa fuq naħa waħda.

Id-dgħajsa bdiet timtela bl-ilma, u l-ekwipaġġ irrealizza li kien f'qagħda diffiċli u perikoluża. L-ilma beda jimla d-dgħajsa malajr, u biex tagħqad, il-magna waqfet taħdem. Mario ordna biex kulħadd jilbes il-ġkieket tas-salvataġġ u jipprepara għall-agħar xenarju. Bil-biża' f'qalbhom, il-membri tal-ekwipaġġ qabżu l-baħar wieħed wara l-ieħor.

F'temp ta' nofs siegħa, id-dgħajsa għerqet fl-abissi tal-baħar, u s-sajjieda dehru jitħabtu mal-mewġ li beda jegħleb kull tentattiv tagħhom biex jibqgħu jgħumu fil-wiċċ. B'xorti tajba, is-salvataġġ tagħhom kien qrib, għax ma damitx ma feġġet lanċa tal-Gwardja Kostali li rċeviet is-sinjal ta' emerġenza tagħhom. Għalkemm tilfu d-dgħajsa għażiża tagħhom, is-sajjieda rnexxielhom isalvaw ħajjithom. Illum jistgħu biss jirrakkontaw din l-istorja b'togħma morra għall-bqija ta' ħajjithom.

**Aħdem il-mistoqsijiet kollha.**

1. Agħżel it-tweġiba t-tajba.

   a) X'kienu qed jagħmlu s-sajjieda meta ndunaw li l-maltempata kienet fil-qrib? **(2 marki)**
      i. Kienu qed jistadu bil-qasba.
      ii. Kienu qed jiġbdu x-xbieki mimlija ħut.
      iii. Kienu qed isewwu d-dgħajsa.

   b) X'ġara lid-dgħajsa waqt il-maltempata? **(2 marki)**
      i. Baqgħet dieħla fil-port mgħobbija bil-ħut.
      ii. Bdiet tinġarr mal-kurrent għal fuq il-blat.
      iii. Kienet qed tinqaleb u timtela bl-ilma.

2. Immarka b'ċirku jekk hux **Veru** jew **Falz**. **(4 marki)**
   i. Il-Kaptan Mario qal lill-ekwipaġġ biex jibqgħu jistadu minkejja li l-maltempata kienet riesqa. VERU / FALZ
   ii. Is-sajjieda tilfu d-dgħajsa tagħhom, iżda rnexxielhom isalvaw ħajjithom. VERU / FALZ

3. Immaġina kont inti l-kaptan ta' din id-dgħajsa. X'kont tagħmel differenti? **(3 marki)**

   ______________________________________________________________
   ______________________________________________________________
   ______________________________________________________________

4. Kieku kellek tispiċċa l-istorja b'mod differenti, kif kont tagħlaqha? Ikteb paragrafu ta' madwar 30 kelma. **(4 marki)**

   ______________________________________________________________
   ______________________________________________________________
   ______________________________________________________________
   ______________________________________________________________

**5A. Il-Morfoloġija** **(10 marki)**

**Imla l-vojt bil-kelma t-tajba skont dak mitlub fil-parentesi/brackets.**

Fl-istorja ta' din id-dgħajsa, l-ekwipaġġ kien eżempju perfett ta' koperazzjoni u determinazzjoni. Il-Kaptan Mario, persuna ta' esperjenza ____________ (twil) u b'____________ (plural ta' ħila) kbar fin-navigazzjoni, kien il-mexxej naturali li ____________ (għ-m-l) deċiżjonijiet tajbin għall-ħajja u s-sigurtà tan-nies tiegħu. L-ekwipaġġ, ____________ (parteċipju passiv minn għamel) minn sajjieda ta' esperjenza fis-sajd kien it-tim perfett għall-emerġenza li kienu qed jaffaċċjaw. Fosthom insibu lil Mattew, li kien responsabbli mill-manutenzjoni tal-____________ (nom minn makkinarju) tad-dgħajsa. Matul il-____________ (nom minn maltemp), il-membri tal-ekwipaġġ ikkoperaw bis-sħiħ biex seta' ____________ (verb minn salva) kulħadd. Minkejja li d-dgħajsa ____________ (verb minn għarqa), l-ekwipaġġ ma ħarisx lura. Għaddew ____________ (għadd imtenni ta' jum) u reġgħu ltaqgħu biex ikomplu fejn ħallew, għax fejn hemm id-____________ (nom minn determinat) kollox huwa possibbli!

**5B. L-Ortografija** **(5 marki)**

**Agħżel it-tweġiba t-tajba minn dawk li hemm fil-parentesi/brackets.**

i. Il-Kaptan Mario ma (qatax, qatgħax) qalbu minkejja li kien jaf li kollu kien (għalxejn, għal xejn).

ii. L-ekwipaġġ kien jikkonsisti minn (sebgħa, seba') persuni inkluż il-Kaptan.

iii. F'nofs il-jum, qabel ma tellgħu x-xbiek, huma (sajru, sajjru) ikla tajba.

iii. Din id-darba d-dgħajsa ma nqerditx min-(nirien, nierien) imma mill-maltempata.

**TAQSIMA B: IL-KITBA**
**TAĦRIĠ 1: IL-KITBA TA' MESSAĠĠ** **(10 marki)**

Ikteb messaġġ ta' bejn **70 u 80 kelma** fuq wieħed minn dawn it-titli.

a) Ikteb messaġġ lill-kollegi tiegħek biex tispjegalhom x'iridu jagħmlu la jidħlu xogħol warajk.
*jew*

b) Ikteb messaġġ lill-ħbieb tiegħek biex tinfurmahom li ma kontx ser tattendi attività minħabba impenji urġenti tax-xogħol.

**TAĦRIĠ 2: IL-KOMPONIMENT ĠENERALI** **(40 marka)**

Ikteb komponiment ġenerali ta' bejn **180 u 200 kelma** fuq wieħed minn dawn it-titli:

a) L-importanza li wieħed jagħraf jiekol tajjeb. Iddiskuti.
b) Il-passatemp tiegħi. Iddeskrivi.
ċ) Inkwiet bla mistenni. Irrakkonta.

**Total: 100 marka**

**TMIEM IL-KARTA TAL-EŻAMI**

PAĠNA VOJTA

PAĠNA VOJTA

**PAĠNA VOJTA**

PAĠNA VOJTA